MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 248/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Amabile Butigieg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Amabile Buttigieg talli (**1**) wara l-31 ta' Dicembru, 2001 naqas li jgedded il-licenzja ghaz-zamma ta' arma tan-nar tal-ghamla Luigi Franchi no.D98445 C.Lic.No. 4389/2001 valida sal-31 ta' Dicembru, 2001; u (**2**) talli fiz-17 ta' April, 2002 f'Hal Qormi ghall-habta tas-13.00 bhala persuna li ghandu licenzja biex izomm arma tan-nar (senter) naqas li jzomm l-istess arma tan-nar fil-kustodja tieghu b'mod li ma tkunx tista' tigi f'idejn haddiehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-

imsemmi Amabile Buttigieg mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-28 ta' Ottubru, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza billi din il-Qorti ssib htija skond l-imputazzjonijiet dedotti u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-14 ta' Frar, 2003; ikkunsidrat:

Id-dritt ta' appell lill-Avukat Generali f'dan il-kaz hu moghti bl-Artikolu 30 tal-Kap. 66. L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu migjub f'dawn it-termini:

***Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, specjalment tax-xhieda ta' PC Rogers (vide fol 8). Illi l-fatt li kellu jsir xi transfer tas-senter ma jfissirx li dan jesimi mir-responsabbilta` tal-appellat stante li hu kellu jaghti il-pussess tas-senter malli jsir it-transfer u mhux qabel.***

Dan <u>biss</u> jinghad fir-rikors ta' appell bhala aggravju.

Dana l-appell jirrazenta l-fieragh. L-ewwel imputazzjoni ma tammontax ghal reat. Ma hemm ebda reat ta' min "jonqos li jgedded" licenzja ta' arma tan-nar. Mitlub jindika d-disposizzjoni tal-ligi li taghmilha reat li dak li jkun jonqos milli jgedded tali licenzja, l-Avukat Generali, permezz tan-nota tieghu tas-17 ta' Frar, 2003, indika l-Artikoli 3 u 16 tal-Kap. 66. Dawn id-disposizzjonijiet, pero`, ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-fatt jew fatti kif migjuba fl-ewwel imputazzjoni. L-Artikolu 3 jikkontempla r-reati ta' minn ikollu fil-pussess tieghu, f'fond jew barra min fond, arma tan-nar (jew munizzjon) minghajr id-debita licenzja tal-Pulizija. L-Artikolu 16, riferibbilment ghall-Artikolu 3, jikkontempla r-reat ta' min jonqos li jhares il-kondizzjonijiet imsemmijin fil-licenzja jew ikollu jew igorr arma tan-nar li ma tkunx dik imsemmija fil-licenzja. Fil-licenzja ezibita a

fol. 10 tal-process ma hemm ebda kundizzjoni li tirrigwarda xi obbligu ta’ tigdid tal-licenzja.

It-tieni imputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 8(1) tal-Kap. 66, u cioe` r-reat ta’ min jonqos milli jzomm fil-kustodja tieghu b’mod li ma tkunx tista’ tigi f’idejn haddiehor, arma tan-nar debitament licenzjata f’ismu. Mid-deposizzjoni tas-Surgent tal-Pulizija Rogers (fol. 7 u 8 ta’ l-atti) u tal-Kuntistabbli 286 Attard (fol. 9 u 10) is-senter li sal-31 ta’ Dicembru, 2001 kien licenzjat f’isem l-appellat, instab fis-17 ta’ April, 2002 ghand Emanuel Buttigieg. It-tieni imputazzjoni kjarament tirreferi ghal din id-data (17/4/02) bhala d-data tal-kommissjoni tar-reat, u mhux ghal xi data qabel Dicembru 2001. Galadarba fis-17 ta’ April, 2002 l-arma in kwistjoni ma kienitx ghada licenzjata fuq l-appellat, l-appellat ma jistax jinstab hati tar-reat kontemplat skond l-imsemmi Artikolu 8(1) a bazi ta’ l-imputazzjoni kif migjuba.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta’ l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza liberatorja ta’ l-ewwel qorti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------